**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 04/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Deniro Magri**

**<u>Illum, 24 ta' Gunju, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **DENIRO MAGRI** ta' erbgħa u tletin (34) sena, iben Raymond Magri u Rita Magri xebba Fenech, imwieled Pieta`, Malta nhar it-tlieta (03) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgħa u tmenin (1989), u residenti ġewwa Block G, Flat 2, Triq Ġiovanni Barbara, Ħamrun u detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija bin-numru **75890(M),** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>L-Ewwel (1) Kap</u>**

***Omiċidju Volontarju ta' Sylvester Farrugia***

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi matul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), Deniro Magri li minn issa 'l quddiem se jiġi msejjaħ 'l-akkużat', dolożament, bil-ħsieb

li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja ta' dik il-persuna f'perikolu ċar, ikkaġuna l-mewt ta' Sylvester Farrugia ġewwa l-Marsa.

Illi fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (04:45am), WPC 126 Isabelle Galea kienet għaddejja minn ġewwa Triq Simpson il-Marsa fi triqitha lejn ix-xogħol fejn lemħet vettura tat-tip Toyota Starlet bajda, li kienet kemxejn angolata u maqlugħha 'l barra mill-bankina. Din il-vettura kellha l-ħġieġa tal-windscreen ta' wara imkissra kif ukoll kellha l-ħġieġa tal-passiġġier (ħġieġa tax-xellug) tan-naħa ta' quddiem li kienet ukoll imkissra. Quddiem din il-vettura, mal-art mixħut għal tulu, mejjet, kien hemm Sylvester Farrugia. Mill-eżamijiet preliminari li saru fuq Sylvester Farrugia fuq il-post fejn instab l-istess vittma, kien jidher li tali persuna kienet ġiet milquta minn arma tan-nar fuq in-naħa ta' wara tad-dahar. L-uffiċċjali tal-pulizija li aċċedew fuq il-post fejn instab il-vittma Sylvester Farrugia, innotaw ukoll illi fis-seat ta' wara tal-karozza Toyota Starlet, ezattament fuq in-naħa tad-dahar (livell ma fejn normalment ikun hemm il-head rest), kien hemm tiċrita fis-seat. F'dak il-mument, il-Pulizija kellhom xi suspetti li din it-tiċrita setgħet ġiet ikkawżata b'xi tir ta' arma tan-nar li seta' ġie sparat.

L-investigazzjonijiet u t-tfitxijiet tal-pulizija ssoktaw minnufih u mill-investigazzjoni rrizulta li kien instagħab xi ħġieġ mal-art ġewwa Triq l-Għabex, il-Marsa (liema triq tiġi ftit 'il bogħod minn fejn instgħab il-katavru ta' Sylvester Farrugia). Mal-wasla tagħhom ġewwa Triq l-Għabex, il-pulizija innotaw ħġieġ li kien mifrux fuq medda ta' tul ta' żewġ karozzi. Mill-investigazzjoni rrizulta li dakinhar stess filgħodu u cioe' fit-tnax (12) ta' Frar tal-elfejn u sbatax (2017), persuna li tirrisjedi fit-Triq l-Għabex fil-Marsa, meta ħarġet mid-dar tagħha biex tmur il-quddies, indunat li kien hemm il-ħġieġ mal-art u b'hekk kinsitu u tefgħatu f'borża u warbitu faċċata tad-dar tagħha. Mill-investigazzjoni rrizulta wkoll illi persuna oħra resident ġewwa Triq l-Għabex, il-Marsa, stqar mal-pulizija illi magħtul il-lejl tal-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien sema' żewġ tiri jiġu sparati, karozza tinstaq u żewġ tiri oħra. Stqar illi dak il-ħin ma kienx ċert jekk kienux tiri biss però il-ħoss kien jixbaħ wieħed ta' faqqatura.

Il-Pulizija kompliet it-tfiċċija tagħha kemm fi Triq l-Għabex il-Marsa kif ukoll ġewwa Triq San Pawl, il-Marsa liema toroq imissu ma xulxin. Waqt l-investigazzjonijiet ġewwa Triq San Pawl, fil-Marsa, il-Pulizija innutaw bieb ta' residenza li kellu rieħa qawwija ta' fuel. Minn investigazzjoni ulterjuri irriżulta li f'din ir-residenza kien jgħix l-akkużat Deniro Magri flimkien mal-familja tiegħu.

Tul l-investigazzjonijiet li saru, irriżulta li l-akkużat Deniro Magri flimkien mal-partner tiegħu u t-tifel tagħhom, kienu jirrisjedu ġewwa r-residenza magħrufa bħala KarmAngela House li tinstab sitwata ġewwa Triq San Pawl, il-Marsa. KarmAngela house kien l-isem li bih kienu jirreferu għar-residenza tagħhom l-akkużat Deniro Magri u l-familjari tiegħu, biss però din id-dar ma kelliex numri u ismijiet mal-faċċata ta' barra. L-akkuzat Deniro Magri, kien ilu jgħix ġewwa din id-dar għal numru ta' snin u dan peress li din kienet fil-fatt dar tal familja tiegħu.

Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta li sbieħ il-Ħadd filgħodu t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) bejn is-sagħtejn u t-tlieta ta' filgħodu (02:00-03:00hrs), l-akkużat Deniro Magri kien qiegħed jilgħab bil-playstation fuq saqqu li għandu fil-kċina liema kcina tinstab fuq nett tar-residenza u cioe' fit-tielet sular. Fil-kcina l-akkużat Deniro Magri kellu monitor li kien juża għall-logob u monitor ieħor eżatt fuqu, li kien imqabbad mal-cameras li kien hemm barra d-dar tal-akkużat Deniro Magri.

Mill-cameras, l-akkużat Deniro Magri kien ra persuna mal-bieb tad-dar tiegħu li kienet qegħda bejn il-bieb tal-aluminium u l-bieb tal-injam u skont l-istess akkużat, il-persuna ta' wara il-bieb ta' barra kien qiegħed jagħmel xi tip ta' sinjal lil persuna terza. Hekk kif appena l-akkużat Deniro Magri ra lil dawn iż-żewġ persuni mill-cameras ħareġ mit-tieqa, u qabad jispara permezz ta' arma tan-nar lejn dawn il-persuni.

Mill-investigazzjoni rrizulta li meta l-akkużat Deniro Magri spara t-tiri permezz tal-arma tan-nar, lejn iz-zewg persuni li kien ra mill-cameras bl-intenzjoni li joqtolhom,

dawn iż-żewġ persuni kienu diġà bdew jitbegħdu mid-dar tal-istess akkużat. Irriżulta ukoll li meta dawn iż-żewġ persuni bdew jitbegħdu mid-dar tal-akkużat Deniro Magri, telgħu ġo karozza tal-marka Toyota Starlet.

Irriżulta li l-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri, li kien it-tabib li kien aċċeda fuq il-post in kwistjoni u invista lill-vittma, kien innota li l-katavru tal-vittma Sylvester Farrugia kellu *entry wound* fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar però ma kienx hemm *exit wound*. Sussegwentement, Dr. Scerri ħa chest X-ray tal-vittma fejn hemmhekk instabet balla imdaħħla fuq in-naħa tal-lemin taħt il-kustilja tal-istess vittma.

Illi oltre minn hekk, l-akkużat **Deniro Magri** rrenda ruhu reċidiv wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Konsegwenzi**:

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Deniro Magri** sar ħati ta' **omiċidju volontarju**, u ċioe' talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa **dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Sylvester Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt.**

Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Deniro Magri** rrenda ruhu recediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Deniro Magri** ħati ta' **omiċidju volontarju**, u cioe' talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa **dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Sylvester Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt.**

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat Deniro Magri bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Piena Mitluba**:

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Deniro Magri** u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 211 u 533 tal-

Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP**
***Ħsara Volontarja Fuq Ħwejjeġ Ħaddieħor***

**Il-Fatti:**

Fl-isfond tal-istess żmien, lok, u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-att t' akkuża, u cioe' fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (04:45am), WPC 126 Isabelle Galea kienet għaddejja minn ġewwa Triq Simpson il-Marsa fi triqitha lejn ix-xogħol fejn lemħet vettura tat-tip Toyota Starlet bajda, li kienet kemxejn angolata u maqlugħha 'l barra mill-bankina. Din il-vettura kellha l-ħġieġa tal-windscreen ta' wara imkissra kif ukoll kellha l-ħġieġa tal-passiġġier (ħġieġa tax-xellug) tan-naħa ta' quddiem li kienet ukoll imkissra. Quddiem din il-vettura, mal-art mixħut għal tulu, mejjet, kien hemm Sylvester Farrugia. Mill-eżamijiet preliminari li saru fuq Sylvester Farrugia fuq il-post fejn instab l-istess vittma, kien jidher li tali persuna kienet ġiet milquta minn arma tan-nar fuq in-naħa ta' wara tad-dahar. L-uffiċċjali tal-pulizija li aċċedew fuq il-post fejn instab il-vittma Sylvester Farrugia, innotaw ukoll illi fis-seat ta' wara tal-karozza Toyota Starlet, ezattament fuq in-naħa tad-dahar (livell ma fejn normalment ikun hemm il-head rest), kien hemm tiċrita fis-seat. F'dak il-mument, il-Pulizija kellhom xi suspetti li din it-tiċrita setgħet ġiet ikkawżata b'xi tir ta' arma tan-nar li seta' ġie sparat.

Meta instabet il-karozza minn WPC 126 Isabelle Galea, il-karozza Toyota Starlet bajda kellha in-numru ta' reġistrazzjoni EBQ 952, li minn investigazzjonijiet tal-Pulizija irrizulta illi EBQ 952 ma kienx irreġistrat fuq Toyota Starlet però fuq Toyota Vitz. Mill-indaġini li għamlu l-Pulizija irriżulta wkoll li t-tarka li kien hemm bin-numru ta' reġistrazzjoni (EBQ 952) kienet filfatt tarka li kienet ġiet misruq ftit xhur qabel. Oltre minn hekk, irriżulta ukoll illi l-vettura Toyota Starlet (li kienet il-vettura fejn instab il-

katavru taħta) kellha n-numru ta' reġistrazzjoni JDM 829, liema vettura kienet ukoll irraportata nieqsa jew misruqa ftit xhur qabel.

L-investigazzjonijiet u t-tfitxijiet tal-pulizija ssoktaw minnufih u mill-investigazzjoni rrizulta li kien instagħab xi ħġieġ mal-art ġewwa Triq l-Għabex, il-Marsa (liema triq tiġi ftit 'il bogħod minn fejn instgħab il-katavru ta' Sylvester Farrugia). Mal-wasla tagħhom ġewwa Triq l-Għabex, il-pulizija innotaw ħġieġ li kien mifrux fuq medda ta' tul ta' żewġ karozzi. Mill-investigazzjoni rrizulta li dakinhar stess filgħodu u cioe' fit-tnax (12) ta' Frar tal-elfejn u sbatax (2017), persuna li tirrisjedi fit-Triq l-Għabex fil-Marsa, meta ħarġet mid-dar tagħha biex tmur il-quddies, indunat li kien hemm il-ħġieġ mal-art u b'hekk kinsitu u tefgħatu f'borża u warbitu faċċata tad-dar tagħha. Mill-investigazzjoni rrizulta wkoll illi persuna oħra resident ġewwa Triq l-Għabex, il-Marsa, stqar mal-pulizija illi magħtul il-lejl tal-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien sema' żewġ tiri jiġu sparati, karozza tinstaq u żewġ tiri oħra. Stqar illi dak il-ħin ma kienx ċert jekk kienux tiri biss però il-ħoss kien jixbaħ wieħed ta' faqqatura.

Irriżulta li l-akkużat Deniro Magri dakinhar tal-akkadut u senjatament matul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), kellu arma tan-nar li kien iżomm fil-kexxun tal-kċina u li l-istess akkużat kien spara fid-direzzjoni taż-żewġt irġiel li kien ra fuq il-cameras.

Mill-investigazzjoni irriżulta wkoll illi meta l-akkużat spara t-tiri mill-arma tan-nar, iż-żewġ persuni li hu kien ra mill-cameras, kienu diġà bdew jitbegħdu mid-dar tal-istess akkużat. Irriżulta ukoll li meta dawn iż-żewġ persuni bdew jitbegħdu mid-dar tal-akkużat Deniro Magri, telgħu ġo karozza tal-marka Toyota Starlet.

Illi fil-mument li l-akkużat Deniro Magri spara t-tiri in kwistjoni, il-windscreen ta' wara tal-vettura tat-tip Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM 829 li fil-mument tal-akkadut kellha mwaħħlin fuqha pjanċi misruqa li juru n-numru ta'

registrazzjoni EBQ 952, inkisret bit-tiri, kif ukoll ġew kawżati ħsarat u danni f'din il-vettura.

Illi oltre minn hekk, l-akkużat **Deniro Magri** rrenda ruhu reċidiv wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Magri sar ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe spara tiri ta' arma tan-nar ta' għamla u serje mhux magħrufa fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JDM 829 tal-għamla Toyota Starlet, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix il-mitejn u ħamsin Ewro (€250) u li saret għad-detriment ta' Godwin Caruana u/jew persuni oħra.

Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Deniro Magri** rrenda ruhu recediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**<u>L-Akkuża:</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Deniro Magri talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe spara tiri ta' arma tan-nar ta' għamla u serje mhux magħrufa fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JDM 829 tal-għamla Toyota Starlet, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix il-mitejn u ħamsin Ewro (€250) u li saret għad-detriment ta' Godwin Caruana u/jew persuni oħra.

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat Deniro Magri bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**<u>Il-Piena Mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Magri u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx disgħa (9) xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 325(1)(ċ), u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

## IT-TIELET (3) KAP

***Pussess ta' Armi tan-Nar Waqt l-Egħmil ta' xi Reat***

**Il-Fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel żewġ (2) Kapi tal-Att ta' Akkuża irriżulta li l-akkużat Deniro Magri dakinhar tal-akkadut u senjatament matul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), kellu arma tan-nar li kien iżomm fil-kexxun tal-kċina u li l-istess akkużat kien spara fid-direzzjoni taż-żewġt irġiel li kien ra fuq il-cameras tad-dar tiegħu. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta illi l-akkużat Deniro Magri ma kellux liċenzja tagħha.

Hekk kif ħareġ mill-investigazzjoni tal-Pulizija meta l-akkużat spara t-tiri mill-arma tan-nar, iż-żewġ persuni li hu kien ra mill-cameras, kienu diġà bdew jitbegħdu mid-dar tal-istess akkużat. Irriżulta ukoll li meta dawn iż-żewġ persuni bdew jitbegħdu mid-dar tal-akkużat, skont l-istess akkużat telgħu ġo karozza tal-marka Toyota Starlet.

Tul il-mori tal-kawża, irriżulta li l-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri, li kien it-tabib li kien aċċeda fuq il-post in kwistjoni u eżamina l-ġisem tal-vittma, kien innota li Sylvester Farrugia kellu *entry wound* fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar però ma kienx hemm *exit wound*. Sussegwentement, Dr. Scerri ħa chest X-ray tal-vittma fejn hemmhekk instabet balla imdaħħla fuq in-naħa tal-lemin taħt il-kustilja tal-istess vittma.

Mill-investigazzjoni irriżulta wkoll li ma hemmx armi tan-nar reġistrati fuq l-akkużat. Irriżulta li la hemm arma reġistrata fuq l-akkużat u lanqas hemm liċenzja reġistrata fuq l-istess.

Illi oltre minn hekk, l-akkużat **Deniro Magri** rrenda ruhu reċidiv wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Magri sar ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew ħsara fil-propjeta', kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti, u dan mingħajr l-liċenzja maħruġa lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Deniro Magri** rrenda ruhu recediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Deniro Magri ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna jew

id-delitt ta' serq jew ħsara fil-propjeta', kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti, u dan mingħajr liċenzja maħruġa lilu mill-Kummissarju tal-Pulzija.

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat Deniro Magri bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**<u>Il-Piena Mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Magri u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn sitt (6) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IR-RABA' (4) KAP</u>**
***Pussess ta' Armi tan-Nar Mingħajr Liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija***

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel tlett (3) Kapi tal-Att ta' Akkuża irriżulta li l-akkużat Deniro Magri dakinhar tal-akkadut u senjatament

matul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), kellu arma tan-nar li kien iżomm fil-kexxun tal-kċina u li l-istess akkużat kien spara fid-direzzjoni taż-żewġt irġiel li kien ra fuq il-cameras tad-dar tiegħu. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta illi l-akkużat Deniro Magri ma kellux liċenzja tagħha.

Hekk kif ħareġ mill-investigazzjoni tal-Pulizija meta l-akkużat spara t-tiri mill-arma tan-nar, iż-żewġ persuni li hu kien ra mill-cameras, kienu diġà bdew jitbegħdu mid-dar tal-istess akkużat. Irriżulta ukoll li meta dawn iż-żewġ persuni bdew jitbegħdu mid-dar tal-akkużat, skont l-istess akkużat telgħu ġo karozza tal-marka Toyota Starlet.

Tul il-mori tal-kawża, irriżulta li l-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri, li kien it-tabib li kien aċċeda fuq il-post in kwistjoni u eżamina l-ġisem tal-vittma, kien innota li Sylvester Farrugia kellu *entry wound* fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar però ma kienx hemm *exit wound*. Sussegwentement, Dr. Scerri ħa chest X-ray tal-vittma fejn hemmhekk instabet balla imdaħħla fuq in-naħa tal-lemin taħt il-kustilja tal-istess vittma.

Mill-investigazzjoni irriżulta wkoll li ma hemmx armi tan-nar reġistrati fuq l-akkużat. Irriżulta li la hemm arma reġistrata fuq l-akkużat u lanqas hemm liċenzja reġistrata fuq l-istess.

Illi oltre minn hekk, l-akkużat **Deniro Magri** rrenda ruhu reċidiv wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

1. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Magri sar ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorn tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjoni, mingħajr liċenzja maħruġa lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-Att dwar l-Armi.

Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Deniro Magri** rrenda ruhu recediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Deniro Magri ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorn tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjoni, mingħajr liċenzja maħruġa lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-Att dwar l-Armi.

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat Deniro Magri bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**<u>Il-Piena Mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Magri u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn sebgħa (7) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

## <u>IL-ĦAMES (5) KAP</u>

***Naqas li Jagħti Avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija meta ġie fil-Pussess ta' Arma tan-Nar***

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel erbgħa (4) Kapi tal-Att ta' Akkuża irriżulta li l-akkużat Deniro Magri dakinhar tal-akkadut u senjatament matul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), kellu arma tan-nar li kien iżomm fil-kexxun tal-kċina u li l-istess akkużat kien spara fid-direzzjoni taż-żewġt irġiel li kien ra fuq il-cameras tad-dar tiegħu. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta illi l-akkużat Deniro Magri ma kellux liċenzja tagħha.

Hekk kif ħareġ mill-investigazzjoni tal-Pulizija meta l-akkużat spara t-tiri mill-arma tan-nar, iż-żewġ persuni li hu kien ra mill-cameras, kienu diġà bdew jitbegħdu mid-dar tal-istess akkużat. Irriżulta ukoll li meta dawn iż-żewġ persuni bdew jitbegħdu mid-dar tal-akkużat, skont l-istess akkużat telgħu ġo karozza tal-marka Toyota Starlet.

Tul il-mori tal-kawża, irriżulta li l-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri, li kien it-tabib li kien aċċeda fuq il-post in kwistjoni u eżamina l-ġisem tal-vittma, kien innota li Sylvester Farrugia kellu *entry wound* fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar però ma kienx hemm *exit wound*. Sussegwentement, Dr. Scerri ħa chest X-ray tal-vittma fejn hemmhekk instabet balla imdaħħla fuq in-naħa tal-lemin taħt il-kustilja tal-istess vittma.

Mill-investigazzjoni irriżulta wkoll li ma hemmx armi tan-nar reġistrati fuq l-akkużat. Irriżulta li la hemm arma reġistrata fuq l-akkużat u lanqas hemm liċenzja reġistrata fuq l-istess.

Illi oltre minn hekk, l-akkużat **Deniro Magri** rrenda ruhu reċidiv wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

1. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

## Il-Konsegwenzi:

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Magri sar ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, bħala

persuna li akkwista jew li ġie fil-pussess ta' xi arma tan-nar jew munizzjoni, naqas minnufih jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Deniro Magri** rrenda ruhu recediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Deniro Magri ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, bħala persuna li akkwista jew li ġie fil-pussess ta' xi arma tan-nar jew munizzjoni, naqas minnufih jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat Deniro Magri bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Piena Mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Magri u illi huwa jiġi kkundannat iħallas multa ta' mhux

anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) jew il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn disgħa (9) xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41 u 51(8) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IS-SITT (6) KAP**
***Sparar ta' Arma tan-Nar f'Post Abitat u Pubbliku***

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-ħames (5) Kapi preċedenti tal-Att ta' Akkuża l-investigazzjonijiet u t-tfitxijiet tal-pulizija ssoktaw minnufih u mill-investigazzjoni rrizulta li kien instagħab xi ħġieġ mal-art ġewwa Triq l-Għabex, il-Marsa (liema triq tiġi ftit 'il bogħod minn fejn instgħab il-katavru ta' Sylvester Farrugia). Mal-wasla tagħhom ġewwa Triq l-Għabex, il-pulizija innotaw ħġieġ li kien mifrux fuq medda ta' tul ta' żewġ karozzi. Mill-investigazzjoni rrizulta li dakinhar stess filgħodu u cioe' fit-tnax (12) ta' Frar tal-elfejn u sbatax (2017), persuna li tirrisjedi fit-Triq l-Għabex fil-Marsa, meta ħarġet mid-dar tagħha biex tmur il-quddies, indunat li kien hemm il-ħġieġ mal-art u b'hekk kinsitu u tefgħatu f'borża u warbitu faċċata tad-dar tagħha. Mill-investigazzjoni rrizulta wkoll illi persuna oħra resident ġewwa Triq l-Għabex, il-Marsa, stqar mal-pulizija illi magħtul il-lejl tal-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien sema' żewġ tiri jiġu sparati, karozza tinstaq u żewġ tiri oħra. Stqar illi dak il-ħin ma kienx ċert jekk kienux tiri biss però il-ħoss kien jixbaħ wieħed ta' faqqatura.

Il-Pulizija kompliet it-tfiċċija tagħha kemm fi Triq l-Għabex il-Marsa kif ukoll ġewwa Triq San Pawl, il-Marsa liema toroq imissu ma xulxin. Waqt l-investigazzjonijiet ġewwa Triq San Pawl, fil-Marsa, il-Pulizija innutaw bieb ta' residenza li kellu rieħa

qawwija ta' fuel. Minn investigazzjoni ulterjuri irriżulta li f'din ir-residenza kien jgħix l-akkużat Deniro Magri flimkien mal-familja tiegħu.

Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irriżulta li sbieħ il-Ħadd filgħodu t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) bejn is-sagħtejn u t-tlieta ta' filgħodu (02:00-03:00hrs), l-akkużat Deniro Magri kien qiegħed jilgħab bil-playstation fuq saqqu li għandu fil-kċina liema kcina tinstab fuq nett tar-residenza u cioe' fit-tielet sular. Fil-kcina l-akkużat Deniro Magri kellu monitor li kien juża għall-logob u monitor ieħor eżatt fuqu, li kien imqabbad mal-cameras li kien hemm barra d-dar tal-akkużat Deniro Magri.

Mill-cameras, l-akkużat Deniro Magri kien ra persuna mal-bieb tad-dar tiegħu li kienet qegħda bejn il-bieb tal-aluminium u l-bieb tal-injam u skont l-istess akkużat, il-persuna ta' wara il-bieb ta' barra kien qiegħed jagħmel xi tip ta' sinjal lil persuna terza. Hekk kif appena l-akkużat Deniro Magri ra lil dawn iż-żewġ persuni mill-cameras ħareġ mit-tieqa, u qabad jispara permezz ta' arma tan-nar lejn dawn il-persuni.

Mill-investigazzjoni rrizulta li meta l-akkużat Deniro Magri spara t-tiri permezz tal-arma tan-nar, lejn iz-zewg persuni li kien ra mill-cameras bl-intenzjoni li joqtolhom, dawn iż-żewġ persuni kienu diġà bdew jitbegħdu mid-dar tal-istess akkużat. Irriżulta ukoll li meta dawn iż-żewġ persuni bdew jitbegħdu mid-dar tal-akkużat Deniro Magri, telgħu ġo karozza tal-marka Toyota Starlet.

Illi oltre minn hekk, l-akkużat **Deniro Magri** rrenda ruhu reċidiv wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Deniro Magri sar ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, spara arma tan-nar ta' għamla u numru ta' serje mhux magħrufa f'post abitat u pubbliku għaldaqstant mhux il-barra minn mitejn metru mill-abitat.

Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Deniro Magri** rrenda ruhu recediv wara li  b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Deniro Magri ħati talli magħtul il-lejl ta' bejn il-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa l-Marsa, spara arma tan-nar ta' għamla u numru ta' serje mhux magħrufa f'post abitat u pubbliku għaldaqstant mhux il-barra minn mitejn metru mill-abitat.

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat Deniro Magri bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

1. *Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli fil-21 ta' Jannar 2016;*

2. *Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Alfred Mallia) vs Raymond Magri u Deniro Magri mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi fis-6 ta' Mejju 2013;*

**<u>Il-Piena Mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Deniro Magri u illi huwa jiġi kkundannat iħallas multa ta' mhux anqas minn hames mitt Ewro (EUR 500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef Ewro (EUR 5,000), skond dak li hemm u jintqal fir-Regolament 18(2)(a) u 27(1)(a),(2)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi SL 549.42 u l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat illi l-akkuzat Deniro Magri nhar it-22 ta' Frar, 2024 ipprezenta in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u dan fiz-zmien premess mill-ligi u fejn flimkien mal-lista tax-xhieda tieghu eccepixxa is-segwenti:

1. In-nullita tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub fil-parti narrattiva ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fil-parti akkuzatorja ta' l-istess kap u dan ghaliex f'dik il-parti narrattiva ma jinghadx li l-esponent spara tiri ta' arma tan-nar bl-intenzjoni li jagħmel hsara fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JDM 829, u cioe' element essenzjali ghall-integrazzjoni tar- reat deskritt fil-parti akkuzatorja;

2. Il-piena mitluba fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza, dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt (6) snin, ma hijiex korretta;

3. Il-piena mitluba fir-raba' kap ta' l-att ta' l-akkuza, dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux izjed minn seba' (7) snin, ma hijiex

korretta;

4. In-nullita tal-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub fil-parti narrattiva ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fil-parti akkuzatorja ta' l-istess kap u dan ghaliex f'dik il-parti narrattiva ma jinghadx la li l- esponent akkwista jew gie f'idejh xi arma tan-nar u lanqas li naqas minnufih li javza lill-Kummissarju tal-Pulizija, u cioe' elementi essenzjali ghall-integrazzjoni tar-reat deskritt fil-parti akkuzatorja;

5. In-nullita tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi u cioe fir-regolament 18(2)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (LS 549.42);

6. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, ir-reat kontemplat fir-regolament 18(2)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (LS 549.42) huwa illum preskritt in kwantu gie dedott kontra l-esponent biss fl-att ta' l-akkuza;

7. L-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-esponent u ta' kull dikjarazzjoni li ghamel qabel l-istqarrija in kwantu id-drittijiet tieghu, inkluz dawk tal-*caution u tad-disclosure*, ma nghatawx skond il-ligi;

8. L-inammissibilita' tax-xiehda ta' Nicolette Muscat Terribile minhabba dak li jinghad fl-ewwel parti ta' l-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-inammissibilita' ta' l- intervista taghha li tinsab fl-inkjesta magisterjali;

9. L-inammissibilita ta' dawk il-partijiet tax-xiehda ta' PS 1152 Manwel Saliba fejn jirreferi ghal: (i) dikjarazzjonijiet maghmula mill-esponent ghar-ragunijiet indikati iktar 'il fuq; (ii) informazzjoni kunfidenzjali in kwantu ma giex spjegat minn fejn giet din l-informazzjoni u ghalhekk ma hijiex verifikabbli u/jew kontrollabbli

mill- esponent; u (iii) kull referenza ghall-laqam "Gabaj" in kwantu l-isem tal-persuna li ghaliha qed issir referenza hija maghrufa.

Rat l-atti tal-kaz, inkluz dawk tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Semghet lill-partijiet jittrattaw dawn l-eccezzjonijiet u dan fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2024.

**Ikkunsidrat:**

Illi preliminarjament, fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2024, l-Avukat Generali, b'referenza ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat, iddikjara li dan tal-ahhar kellu ragun fir-rigward tal-piena u cioe' li kien hemm zbalji fil-piena. Huwa tenna illi fir-rigward tat-tielet Kap tal-Att t' Akkuza iz-zmien ta' prigunerija m'ghandux ikun aktar minn hames snin filwaqt li l-piena li tista' tinghata fir-rigward tar-raba' Kap tal-Att t' Akkuza, l-piena ta' prigunerija ghandha tkun bejn tlett xhur u sitt snin.

Fir-rigward tat-tielet Kap tal-Att t' Akkuza, l-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *'55.Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min –*
>
> *(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna)jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsarainvolontarja fil-proprjetà); jew*
>
> *(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,*

*ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xiimitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsabħati, jeħel il-piena ta' priġunerija* ***<u>għal mhux iżjed minn erba' snin</u>****,kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-armatan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.'*

Issir ukoll referenza ghall-Artikolu 51(2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'rabta mar-raba' Kap tal-Att t' Akkuza u li jipprovdi hekk:

*'Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija* ***<u>għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin</u>****:'*

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-ligi, qedgha tordna korrezzjoni tas-segwenti u cioe' taht it-tielet Kap tal-Att t' Akkuza flok il-kliem *'prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt (6) snin'* ghandha tigi emendata bis-segwenti kliem ***'prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn erba' (4) snin'***. Fir-rigward tar-raba' Kap tal-Att t'Akkuza minflok il-*kliem 'għal żmien ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn seba' (7) snin'* ghandhom jigu l-kliem: ***'għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin****:'*

Din il-Qorti issa sejra tghaddi minnufih sabiex tippronunzja ruha dwar **<u>l-ewwel, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet preliminari</u>** tal-akkuzat. Permezz ta'dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat qieghed jecepixxi n-nullita' tat-tieni, l-hames u s-sitt Kapi tal-Att t'Akkuza rispettivament. Fir-rigward l-ewwel u r-raba' eccezzjoni r-raguni li qed jghid l-akkuzat hija li l-fatt migjub fil-parti narrativa ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fil-parti akkuzatorja ta' l-istess kap. In oltre, fil-hames eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed isostni illi r-reat fis-sitt Kap ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza , bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi.

Dawn l-eccezzjonijiet huma msejsin fuq l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u li jipprovdi hekk:

*'(5) L-inkompetenza tal-qorti u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu wkoll 'il quddiem mill-qorti ex officio, sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri: Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:*

***(a)*** ***meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;***

***(b)*** ***meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att'***

Fir-rigward tal-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet preliminari, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**[1] fejn fuq dan il-punt il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*'9. Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali* ***Ir-Republika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue****, 15 ta' Frar 1996;* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et****, 22 ta' Mejju 2003;* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici****, 22 ta'April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il-*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-2 ta' Mejju, 2013.

*fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.*

*10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:*

***"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita` tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skond il-każ). L-iskop kemm ta' din id-disposizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta`, huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat."[2]***

Ghaldaqstant, kif inghad *supra*, l-iskop tas-sub-incizi (a) u (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li l-akkuzat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jibni d-difiza tieghu u li wara l-verdett tal-gurati li, fil-verita', hija dikjarazzjoni li ċerti fatti saru, ma jigix ikkundat ghal fatt li ma jammontax ghal reat.

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed isostni dwar in-nullita' tat-tieni Kap tal-Att t'Akkuza ghaliex fil-parti tan-narrativa ma jinghadx li hu kien spara tiri t'arma tan-nar b'intenzjoni li jaghmel hsara fil-vettura msemmija. L-akkuzat isostni illi l-intenzjoni hija element essenzjali ghall-integrazzjoni tar-reat deskritt fil-parti akkuzatorja. Jidher illi fit-tieni Kap tal-Att t'Akkuza, l-akkuzat qieghed jigi mixli bl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali u cioe' li volontarjament ghamel hsara lill-vettura. Qieghed jinghad illi meta l-akkuzat spara, ghamel hsara il-vettura in kwistjoni. Issa, l-intenzjoni u/jew il-volontarjeta tal-akkuzat trid tigi determinata waqt il-guri u zgur mhux f'dan l-istadju.

Illi fir-raba'eccezzjoni tieghu, l-akkuzat fuq l-istess linja ta' hsieb tal-eccezzjoni precedenti qed jghid illi fil-hames Kap tal-Att t' Akkuza fin-narrattiva ma jinghadx la li l- esponent akkwista jew gie f'idejh xi arma tan-nar u lanqas li naqas minnufih li javza lill-Kummissarju tal-Pulizija, u cioe' elementi essenzjali ghall-integrazzjoni tar-reat deskritt fil-parti akkuzatorja. Din il-Qorti rat illi that in-narrativa tal-hames Kap, hemm imnizzel is-segwenti: '*Mill-investigazzjoniji irrizulta wkoll li ma hemmx armi tan-nar registrati fuq l-akkuzat. Irrizulta li la hemm arma registrata fuq l-akkuzat u lanqas hemm licenzja registrata fuq l-istess.*' Ghaldaqstant din il-Qorti jidrilha illi ghalkemm il-kliem mhux identici ghall-parti akkuzitorja, *a contrario sensu* l-ingredjenti tar-reat xorta wahda huma prezenti.

Sussegwentament, fil-hames eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed jecepixxi n-nullita tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza u dan stante li r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi u cioe fir-regolament 18(2)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (LS 549.42). Ir-regolament sucitat jistipula s-segwenti:

> '*Ebda persuna m'għandha ġġorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew tispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra, jew xi waħda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII*

*u f'medda ta' 50 metru mid-delineazzjoni tagħhom, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali:*

*Iżda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-każ ta' toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja:*

*Iżda wkoll is-senter m'għandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinċipali, arterjali, sekondarja jew mogħdija fil-kampanja.'*

Illi ghalkemm huwa minnu li l-Avukat Generali ma pprovdix x'jghid ir-regolament citat *supra*, *verbatim* fl-Att t'Akkuza, il-gist xorta wahda qieghed hemm u l-akkuzat jaf ezatt biex qed jigi akkuzat. Kif gie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel sive Leli Camilleri**:[3]

*'..dak li l-ligi trid hu li "r-reat jigi deskritt fis-sustanza, jigifieri fl-elementi essenzjali tieghu, bl-istess mod bhal ma hu deskritt fil-ligi, u mhux necessarjament li jintuzaw l-istess kliem ezatti li hemm fil-ligi jew kull kelma li hemm fil-ligi". Ghalhekk fejn kap f'att ta' akkuza jallega reat li ma jezistix fil-ligi taghna, dak il-kap huwa null. Izda fejn reat li jezisti fil-ligi taghna ma jigix deskritt akkuratament, izda "fis-sustanza"* ***tali kap jiddeskrivi r-reat in kwistjoni, allura dak ma jgibx in-nullita`*** *izda, ghall-fini ta' aktar kjarezza, tista' tigi ordnata korrezzjoni mill-Qorti.*

Kif gie ritenut f'diversi sentenzi, in-narrativa tal-Avukat Generali ma torbotx u, xi haga li tirrigwardja fatt trid tigi determinata mill-imhallfin tal-fatt u cioe' mill-gurati. Din il-Qorti jidrilha illi kif diga gie ritenut, l-akkuzat jaf ezatt dwar xiex qieghed jigi akkuzat u ghalhekk qedgha tichad l-ewwel, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-akkuzat.

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-6 t' Ottubru, 2003.

Permezz **tas-sitt eccezzjoni** tieghu, l-akkuzat qieghed isostni illi ir-reat kontemplat fir-regolament 18(2)(a) tal-LS 549.42 huwa llum preskritt ghaliex gie dedott kontra l-esponent biss fl-att t'akkuza. Fic-citazzjoni li permezz taghha kien tressaq l-akkuzat a fol. 3 tal-process insibu s-segwenti akkuza:

> *'U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, spara arma tan-nar ta'ghamla u numru ta' serje mhux maghrufa f'post abitat u pubbliku ghaldaqstant mhux il-barra minn mitejn metru mill-abitat;'*

Ghaldaqstant, ma jistax jinghad illi dan ir-reat gie dedott kontra l-akkuzat biss fl-Att t'Akkuza u ghalhekk is-sitt eccezzjoni qedgha tigi respinta.

**Fis-seba' eccezzjoni** preliminari l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilita' ta' l-istqarrija u ta' kull dikjarazzjoni li ghamel qabel l-istqarrija in kwantu d-drittijiet tieghu, inkluz dawk tal-*caution* u tad-*disclosure*, ma nghatawx skond il-ligi. Madankollu, fis-sottomissjonijiet id-difiza anke sostniet dwar l-inammissibilta' tal-istqarrija nnfisha.

L-amministrazzjoni tal-*caution* u cioe' t-twissija/twiddiba li ghandha tinghata mill-pulizija lill-akkuzat tohrog mill-ligi u cioe' mill-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fit-tielet skeda nsibu s-segwenti:

> *'Twiddiba*
>
> *Il-persuna li tkun qed tiġi interrogata għandha d-dritt li tirrifjuta milli twieġeb għal xi mistoqsija li ssirilha.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet, qabel ma ssir l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata li tkun għamlet reat, għandha tingħata twissija jew twiddiba f'din il-forma li ġejja:*

*"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova."*

L-istqarrija tal-akkuzat ittiehdet b'mod audio-viziv nhar it-13 ta' Frar, 20017 mill-Assistent Kummissarju Keith Arnaud, fejn kien ukoll akkumpanjat minn PC 51 Paul Sciberras. Illi a fol. 1077 tal-process tirrizulta s-segwenti twiddiba:

*'Spettur Keith Arnaud: Mela bl-istess twissija, Deniro qabel ma nibdew tikkonferma li inti gejt arrestat il-bierah ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija, tajnik it-twissija l-bierah, tajnik id-dritt ukoll li tkellem Avukat qabel l-interrogazzjoni u anki li jkun prezenti hawnhekk u inti rrifjutajt naqblu?*

*Akkuzat: Iva naqblu naqblu.*

*Spettur Keith Arnaud: Mela bl-istess twissija li tajnik il-bierah illum se jergghu isirulek xi domandi Deniro, mhux obbligat li twegibhom, orrajt, u dak li tghid bhalissa qed jigi rrekordjat bil-camera u anki bis-sound u jista' jintuza bhala prova.'*

Ghaldaqstant, jirrizulta illi qabel l-akkuza rrilaxxa l-istqarrija, l-*caution* inghatat skond il-ligi. Fir-rigward tad-*disclosure*, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

*534AF. (1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.*

*(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-*

*Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.*

*(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u sakemm dan ma jippreġudikax id-dritt ta' proċess kriminali ġust, wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal jekk dan l-aċċess ikun ta' theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk dan ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurtà nazzjonali.*

Fis-sentenza **ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**,[4] il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'43. Illi kif tajjeb stqarret l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata l-jedd li l-persuna tingħata aċċess għal materjal tal-każ sar parti mid-dritt penali nostran permezz ta'l-Att IV tal-2014. Illi allura dan id-dritt ma kienx jeżisti fiż-żmien li l-appellant kien arrestat u interrogat. Dan ifisser illi l-proċeduri kriminali li ġew imnehdija kontra l-appellant*

[4] Deciza nhar it-22 ta' Novembru, 2023.

*mill-mument tal-arrest tiegħu saru skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Illi l-għan wara d-dritt tal-aċċess għal materjal u l-evidenza huwa li l-persuna suspettata jew akkużata ikollha żmien biżżejjed mhux biss biex tissindika l-validita' tal-arrest tagħha, fil-każ li dik il-persuna tinsab arrestata u/jew detenuta, iżda ukoll sabiex ikollha żmien biżżejjed biex tipprepara id-difiża tagħha, u dan kif hemm imfisser fis-subartikoli (2) u (3) għall-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali.* ***Illi dan id-dritt ta'l-aċċess kif imfisser fil-liġi għandu jingħata "mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża." Issa żgur u mhux forsi illi matul il-kumpilazzjoni tal-każ, l-evidenza kollha li kellha l-Prosekuzzjoni ġiet imressqa fil-qorti, tant illi l-appellant għandu f'idejh, qabel il-mument taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u allura meta ser isiru s-sottomissjonijiet fuq il-merti tal-kawża, l-materjal kollu li l-Prosekuzjoni għandha f'idejha biex b'hekk huwa għandu żmien biżżejjed biex jipprepara id-difiża tiegħu.*** *Dan ifisser illi ser jibqgħu mhux mittiefsa l-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq u skont il-liġi.* ***Jikonsegwi għalhekk, illi ma hemm ebda lok li jkun hemm l-isfilz ta' ebda evidenza billi din ġiet ikkumpilata bil-għan, fuq kollox, li l-appellant ikollu a full disclosure tal-provi kollha li l-Prosekuzjoni bi hsiebħa tressaq waqt il-ġuri, f'liema mument allura l-mertu tal-każ ser ikun dibattut.'***

Illi ebda prova ma titqiesx li hija inammissibbli diment li ma jkunx hemm disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem. Illi in vista tas-suespost u a skans ta' hafna repetizzjoni din il-Qorti hija tal-fhema illi l-istqarrija tal-akkuzat hija wahda ammissibbli skond il-ligi.

Illi dwar it-talba tal-akkuzat ghall-inammissibbilta' ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li huwa ghamel qabel l-istqarrija, din il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-dak li qal l-Assistant Kummissarju Keith Arnaud meta ta t-twissija lill-akkuzat qabel dan tal-ahhar irrilaxxa l-istqarrija. L-Assistant Kummissarju ghamel referenza **ghall-istess** twissija li kienet inghatat lill-akkuzat il-jum ta' qabel u tenna l-kliem: '***mhux obbligat***

***li twegibhom, orrajt, u dak li tghid bhalissa qed jigi rrekordjat bil-camera u anki bis-sound u jista' jintuza bhala prova.*** ' In oltre, l-istess twissija bdiet bi kronologija u cioe' fejn l-ufficjal investigattiv talab lill-akkuzat jikkonferma li hu kien arrestat il-gurnata ta' qabel ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija u li sussegwentament tawh it-twissija. Dan kollu gie kkonfermat mill-akkuzat innifsu. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandiex dubju li l-jum ta' qabel kienet nghatat l-istess twissija bhal ma nghatat fl-istqarrija u cioe' dik skond il-ligi. Ghal dawn ir-ragunijiet is-seba' eccezzjoni tal-akkuzat qeghda tigi respinta.

**It-tmien eccezzjoni** preliminari hija dwar l-inammissibilita' tax-xhieda Nicolette Muscat Terribile minhabba dak li jinghad fl-ewwel parti tal-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali. L-akkuzat qieghed ukoll jecepixxi l-inammissibilita' ta' l-intervista taghha li tinsab fl-inkjesta magisterjali.

Illi l-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali jirrendi bħala xhud inkompetenti lil mizzewwgin, shab f'unjoni civili u koabitanti fil-konfront ta' xulxin, b'dawn il-persuni ghalhekk lanqas ma jistghu jigu imgieghla jiehdu il-pedana tax-xhieda u jaghtu evidenza kontra l-parti l-ohra, f'dik l-unjoni, mixlija b'reat kriminali, la favur u lanqas kontra, hlief f'dawk it-tlett istanzi ravvizati fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi u li hu pacifiku ma japplikawx għal kaz in dizamina.

Ghaldaqstant, din il-Qorti temmen illi din l-eccezzjoni ghandha tigi akkolta stante li Nicolette Muscat Terribile hija l-.tal-akkuzat u ghandhom zewgt itfal flimkien. u ghalhekk qedgha tiddikjara inammissibli x-xhieda ta' Nicolette Muscat Terribile kif ukoll l-intervista taghha fl-inkjesta u konsegwentament tordna l-isfilz taghhom.

Permezz ta' l-ewwel parti tad-**disa' u l-ahhar eccezzjoni tieghu**, l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilita' ta' dawk il-partijiet tax-xhieda ta' PS 1152 Manwel Saliba fejn jirreferi ghal dikjarazzjoni maghmula mill-akkuzat ghall-istess ragunijiet moghtija fis-seba' eccezzjoni. Ghaldaqstant, a skans ta' hafna repetizzjoni, stante li din il-Qorti ga

cahdet is-seba' eccezzjoni, sejra sabiex tichad ukoll din il-parti tad-disa' eccezzjoni mmarkata 9(i).

Illi l-akkuzat taht din l-eccezzjoni qieghed jitlob ukoll li jigu ddikjarati inammissibli l-partijiet tax-xhieda ta' PS 1152 fejn jirreferi ghal informazzjoni kunfidenzjali in kwantu ma giex spjegat minn fejn giet din l-informazzjoni u ghalhekk ma hijiex verifikaabli u/jew kontrollabbli mill-akkuzat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Grima**[5] qalet hekk dwar l-informazzjoni kunfidenzjali:

> *27. Illi l-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti ix-xiehda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ghall-fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dik ta` xhud ordinarju billi fix-xiehda tieghu huwa irid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali kontra l-persuna akkuzata fejn allura jista' jindika illi huwa kiseb informazzjoni **minn sors kunfidenzjali li ma jistax jigi obbligat jizvela.***
>
> *28. Illi kif inghad minn din il-Qorti diversament komposta :-*
>
> ***"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx li l-ufficjal tal-pulizija huwa obbligat li ma jizvelax sigriet lilu fdat in konnessjoni mal-funzjonijiet tieghu bhala tali. Jekk il-ligi bhala element essenzjali ghall-amministrazzjoni gudizzjarja, xierqa, tal-gustizzja, tipprotegi lill-avukati u l-prokuraturi legali, fl-ewwel sub-inciz ta'l-artikolu 642, huwa difficli li din l-istess protezzjoni ma tikkomprendiex ukoll lill-ufficjal tal-pulizija li waqt l-investigazzjonijiet tad-delitti jigi fdat, taht il-kappa***

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-3 t' Ottubru, 2018.

***tas-segretezza, b'informazzjoni relevanti ghall-investigazzjonijiet li jkun qed jikkonduci, jew biex jibda jinvestiga.***"[6]

In oltre, fl-istess sentenza, il-Qorti espremiet ruha bis-segwenti dwar vertenza simili ghal din l-eccezzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti:

*'20. L-appellant jilmenta illi l-Ufficjali Nvestigattivi ma setghux jaghmlu referenza ghall-informazzjoni anonima li kisbu u li wasslithom ghall-istharrig li sar in konnessjoni mal-kaz, u dan meta l-'informer' li baqa' anonimu la seta' jissemma b'ismu u wisq anqas allura seta' jingieb jixhed il-Qorti biex jikkonferma l-informazzjoni moghtija minnu lill-pulizija. Ghall-appellant dan ifisser illi dik ix-xiehda li taghmel referenza ghal din l-informazzjoni tikkostitwixxi 'hearsay evidence' u kwindi hija inammissibbli bhala prova.'*

Madankollu, fis-sentenza sucitata saret referenza ghall-sentenza ohra fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta v. Mario Azzopardi**[7] fejn inghad hekk:

*'Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ '**Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'** (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.*

[6] ***Ir-Repubblika taa' Malta vs Andrew sive Andrea Facchetti u Frederick Joseph Attard*** *(09/06/1994);*
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju, 2012

*"… Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli* ***<u>iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ- ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ- cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. ……"</u>***

Ghaldaqstant, stante din l-eccezzjoni iktar tirrigwardja l-valur probatorju u mhux l-ammissibilta' din il-parti tad-disa' eccezzjoni u cioe' dik immarkata 9(ii) wkoll qeghda tigi michuda.

Fl-ahhar parti tad-disa'eccezzjoni u cioe' dik immarkata 9(iii), l-akkuzat qieghed jitlob l-inammissibilta' fejn fix-xhieda ta' PS 1152 rrefera ghall-laqam 'Gabaj' in kwantu l-isem tal-persuna li ghaliha qed issir referenza ghaliha hija maghrufa. F'dan ir-rigward l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu rrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fhema illi stante l-fatt illi l-laqam imsemmi u l-affiljazzjonijiet tieghu jistghu tassew joholqu pregudizzju lill-akkuzat ghandha tilqa'

din il-parti tad-disa' eccezzjoni u ghalhekk tiddikjara kull referenza ghal-laqam 'Gabaj' bhala inammissibbli.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet numru wiehed (1), erbgha (4), hamsa (5), sitta' (6), sebgha (7), disgha sub-inciz (i), (9)(i) u disgha sub-inciz (ii), (9)(ii). In oltre, din il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni numru tmienja (8) u ghalhekk qedgha tiddikjara inammissibli kwalukwe xhieda u/jew intervista ta' Nicolette Muscat Terribile u qedgha tilqa' wkoll l-eccezzjoni enumerata 9(iii) u ghalhekk qeghda tiddikjara inammissibli wkoll kwalunkwe referenza ghall-laqam 'Gabaj'. Finalment, din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet preliminari izda tordna li ssir korrezzjoni taht it-tielet (3) Kap tal-Att t' Akkuza u flok il-kliem '*prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt (6) snin*' ghandha tigi emendata bis-segwenti kliem '***prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn erba' (4) snin***'. Fir-rigward tar-raba' Kap tal-Att t'Akkuza minflok il-*kliem 'għal żmien ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn seba'(7) snin'* ghandhom jigu l-kliem: '***għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin**:'*

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef